**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 1**

**L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2022**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.41 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**PUNT TA' PROĊEDURA MQAJJEM MILL-MEMBRI TAL-KUMITAT**

Il-President tal-Kumitat fetaħ l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat billi fakkar li dan il-kumitat ġie stabbilit permezz tal-Att Nru II tal-2018 li emenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Huwa informa lill-Membri li skont dan l-istess Att, wara li huwa kien irċieva nomina ta' Chairperson tal-Bord tal-Ippjanar fl-Awtorità tal-Ippjanar mingħand il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, skatta l-proċess li bih ġew sottomessi numru ta' mistoqsijiet mill-Onorevoli Membri, liema mistoqsijiet ġew mgħoddija lill-persuni nominati fit-terminu kif indikat fl-Artikolu 48B tal-Att. Wara li l-persuna nominata bagħtet it-tweġibiet tagħha fit-30 ta' Mejju 2022, il-Kumitat kien qed jitlaqqa' biex isir is-smigħ skont l-istess Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-Onorevoli Membri sabiex jagħmlu r-rimarki tagħhom dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita.

L-Onor. Karol Aquilina ssuġġerixxa li f'nomini futuri, apparti l-kondotta tal-Pulizija li tiġi sottomessa min-nominat, tiġi mitluba wkoll il-fedina penali, li telenka l-istorja kollha tal-persuna nominata fuq kull livell ta' liġi sabiex ikun hemm iktar trasparenza fil-proċedura ta' skrutinju mill-Kumitat. Huwa ssuġġerixxa wkoll li fir-rigward ta' nomini ta' persuni li jkunu ġejjin mill-ambiti tal-gvern, tingħata clearance mid-dipartiment ikkonċernat tal-ministeru fir-rigward ta' dixxiplina jew każijiet pendenti li jista' jkollu n-nominat inkwistjoni. L-Onor. Aquilina spjega li l-kumitat jeħtieġ ikollu assigurazzjoni mill-entità kkonċernata li m'hemm xejn fil-passat tal-persuna nominata li tista' tkun ta' detriment għall-persuna nnifisha jew għall-istess Kumitat.

Fid-diskussjoni li segwiet, filwaqt li kien hemm qbil ġenerali li l-kumitat għandu jkollu serħan il-moħħ lil hinn mill-kondotta sabiex id-deċiżjoni ta' kull ħatra tkun waħda kemm jista' jkun infurmata,

qam il-punt li kull deċiżjoni li tittieħed fuq il-mod kif għandu jimxi l-Kumitat ma tkunx toħloq diskriminazzjoni bejn il-persuni li jiġu nominati.

Il-President tal-Kumitat ħa nota tal-punti mqajma, fosthom li qabel jinnominaw lil xi ħadd, il-Ministri konċernati għandhom jagħmlu background checks estensivi tal-persuni inkwistjoni u jinformaw lill-Kumitat li n-nominat huwa idoneu għall-ħatra. Huwa fakkar lill-Membri preżenti li l-Kumitat huwa marbut li jimxi mal-parametri tal-liġi u li l-Membri huma dejjem liberi li jissottomettu t-talbiet tagħhom fil-mistoqsijiet li huma għandhom dritt jagħmlu bis-saħħa tal-istess liġi.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR ANTHONY BORG GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-BORD TAL-IPPJANAR FL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa rċieva mingħand il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, datata 18 ta' Mejju 2022, dwar in-nomina tas-Sur Anthony Borg bħala Chairman tal-Bord tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Anthony Borg sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dott Licari bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Anthony Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Borg li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Anthony Borg ta rendikont tal-karriera twila tiegħu fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa qal li tul karriera ta' 45 sena bħala uffiċjal tal-Gvern dejjem ħadem inkonnessjoni mas-settur tal-bini u l-ippjanar u bis-saħħa ta' studji u korsijiet, irnexxielu jilħaq gradi għoljin fl-istess Awtorità. Qal ukoll li kien preżenti għal ħafna mill-iżviluppi li għaddiet minnhom l-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom lis-Sur Borg.

Waqt li l-Onor. Karol Aquilina kien qed jirrimarka li s-Sur Borg laħaq lill-Awtorità mill-bidu tagħha, huwa staqsieh jekk qattx ra xi każi ta' abbuż tul is-snin. Is-Sur Borg wieġeb billi qal li jiftakar li kellu esperjenza personali fejn xi ħadd, li kien pulizija, kien offrielu pakkett u li hu rrifjutah u li qal lill-persuna konċernata li ma ried ikollu xejn x'jaqsam mal-każ.

Filwaqt li ġie rikonoxxut li s-Sur Borg kien sinċier dwar kif, minn jeddu, għażel li jsemmi dan il-każ li ġara numru ta' snin ilu u li huwa kien irrifjuta li jieħu l-pakkett imsemmi, qamet diskussjoni dwar il-korrettezza tal-mod li mexa bih meta huwa kkonferma li ma kienx irrapporta l-każ lis-superjuri tiegħu jew lill-pulizija. Meta kompla jiġi mistoqsi fuq dan l-aħħar punt, is-Sur Borg qal li llum il-ġurnata, kieku jiġri l-istess, jieħu l-passi meħtieġa.

Id-diskussjoni kompliet fuq il-kompetenza tan-nominat fir-rigward ta' bilanċ tal-iżvilupp u l-ispazji pubbliċi u kif dan il-bilanċ jista' jintlaħaq mingħajr ma jiġu sagrifikati l-ispazji miftuħin jew jintilfu l-karatteristiċi tal-lokalitajiet Maltin. Ġiet diskussa wkoll it-trasportazzjoni tal-massa u kif din tista' ttejjeb l-iżvilupp. Id-diskussjoni żvolġiet dwar l-informazzjoni u l-perċezzjoni li l-pubbliku għandu tal-Awtorità tal-Ippjanar u kemm hu siewi li l-pubbliku jkun jaf aktar dwar ix-xogħol li twettaq l-Awtorità li ma jikkonsistix biss fl-għoti jew ir-revoka ta' permessi ta' pjani ta' żvilupp.

Fil-5.42 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Borg u talbu sabiex jirtira mill-Kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Anthony Borg irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.42 p.m. il-laqgħa kienet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fis-6.12 p.m.

Il-President tal-Kumitat informa lill-Kumitat li kien ġie notifikat mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar li n-nomina tas-Sur Anthony Borg kienet qed tiġi rtirata.

Is-Sur Borg ġie mistieden jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Anthony Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat u l-President tal-Kumitat informah bl-aħħar żviluppi.

Fis-6.13 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**